MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 913/2008

**Philip Pace & Sons Limited (C-13308)**

**vs**

**C & K Ciappara & Sons Limited**
**gia C & K Ciappara Poultry Limited (C-11598)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru 2008, fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €3,055.06c (tlett elef u hamsa u hamsin ewro u sitt centezmi) rapprezentanti bilanc minn somma akbar li ghadu dovut bhala prezz ta' *Defrigiration System* skond ma kif jirrizulta minn prospett anness markat Dok A u skond *sales contarct* datat 18 ta' Settembru 2006 ukoll anness u markat Dok B;

Bl-imghax kummercjali mill-21 ta' Novembru 2008 u bl-ispejjes.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 14 ta' Jannar 2009 fejn ikkontestat it-talba attrici peress illi s-socjeta attrici naqset li tonora l-obbligi kollha minnha assunti fl-istess kuntratt. Difatti s-socjeta konvenuta hallset l-ammont kollu pattwit fl-istess kuntratt salv is-somma ta' €1,956.67c rapprezentanti hamsa fil-mija tal-valur tal-istess kuntratt kif jirrizulta minn ittra annessa u markata Dok A; Illi tali ammont gie mnaqqas mis-socjeta konvenuta peress illi s-sistema installata ma setghetx tiehu 3,000 tigiega f'salt wiehed izda biss 2,200 tigiega u barra minnhekk l-apparat installat suppost li kellu jahdem bis-sistema tal-*"continuous water flow"* izda din ma gietx hekk b'tali sistema. Illi fl-ahhar nett gie affermat li l-bilanc tassew dovut se mai kellu jkun fl-ammont ta' €1,956.67 u mhux €3,055.06 kif mitlub f'dina l-kawza.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti inkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra.

Illi apparti kontestazzjoni fuq il-*quantum* mitlub, is-socjeta konvenuta qieghdha tikkontesta t-talba ghal hlas ta kwalsiasi bilanc in vista tal-fatt li tafferma li s-socjeta attrici naqset li tonora zewg obbligi principali, li skond hi, jinsabu stipulati u pattwiti fl-ordni relativa u cioe:-

1) Li l-apparat kellu jifla 3,000 tigiega f'salt wiehed, u

2) Li l-apparat kellu jahdem bis-sistema tal-*"Continuous water flow"*

Illi s-socjeta attrici minn naha taghha tafferma li mhux tassew li hija kienet marbuta b'dawn iz-zewg kondizzjonijiet fuq l-ordni lilha maghmula.

Ix-xhud Anthony Pace ghas-socjeta attrici jaghmel referenza ghal *sales contract* ta' bejn il-partijiet datat 18 ta' Settembru 2006 u esebit bhala Dok AP1. Huwa jafferma li l-apparat installat kien kapaci jesgha volum ta 3000 tigiega ghal skopijiet ta` *blast chill* pero dan jista jsir bil-mod kif spjegat sew fix-xhieda tieghu u kif ukoll fuq l-istess ordni a fol 19 tal-process u cio` e` fis-sens li ghandhom jigu inseriti fl-apparat tigieg bir-rata ta' 250 tigiega kull 15 il-minuta sa perjodu ta tliet sighat. Jafferma wkoll li l-apparat installat ghand is-socjeta konvenuta gie minn barra precizament skond l-ispecifications li hemm pattwiti fuq Dok AP1. Ir-*racks* fuqhiex kellhom jitqieghdu t-tigieg ma kienx jifforma parti mill-kuntratt pattwit u difatti l-istess *racks* ma gewx mahduma u nstallati mis-socjeta attrici. Di fatti jekk wiehed jifli l-kuntratt in kwistjoni, tassew jinnota li ma hemmx dan l-item imsemmi. Kompla jispjega li s-socjeta attrici kienet qed tfittex ukoll ghall-ispejjes addizzjonali li dahlet ghalihom fuq talba tas-socjeta konvenuta sabiex jigu spostjati l-*units* fuq il-bejt. Dan ix-xoghol ghamlitu ghalkemm ma kinietx obbligata li skond il-kuntratt u di fatti originarjament ma kienet sejra zzomm xejn tal-installar ghal fuq il-bejt minnflok fil-pjan terran, pero meta mbaghad in segwitu l-units ta' fuq il-bejt kellhom jergghu jigu mcaqilqa, hija qieghda tippretendi li tithallas minghand is-socjeta konvenuta l-*invoice* esebita bhala Dok AP  3.

Fil-fatt in kontro-ezami Anthony Pace jikkonferma li ma humiex qed jitolbu hlas fuq l-*invoice* esebita u markata Dok AP 2. Huwa jichad li kien hemm ftehim sew bil-miktub u sew verbali li s-sistema tal-ilma kellha tkun *continuous flow.* Fil-fatt fl-ordni ma hemm xejn indikat b'dan il-mod u anqas ma sar diskors f'dan is-sens. Kien minnu pero` li s-socjeta attrici kienet talbet ghal xi parir minghand il-manifatturi ta' barra minn Malta dwar din is-sistema pero tali indagini sehhew sabiex ikunu jistghu jaghtu servizz ahjar lis-socjeta konvenuta u mhux minhabba li kien hemm xi obbligu f'dan is-sens. Anzi jafferma li s-sistema tal-ilma kif beda titlobha s-socjeta konvenuta ma kinietx possibbli anke minhabba l-fatt li l-apparat ordnat ma kienx mahluq biex jahdem b'tali manjiera. Din il-posizzjoni tas-

socjeta attrici tohrog car mill-email skambjati esebiti u markati Dok AP 5 u Dok AP 6.

Illi dwar kemm jifilhu joqghodu tigieg fuq ir-*racks*, Anthony Pace jafferma li din ma kienitx kwistjoni tas-socjeta attrici peress illi tali kapjenza tiddependi fuq il-mod kif kienu desinjati l-istess *racks*, liema disinn sar minn jew fuq ordni tas-socjeta konvenuta.

Jonathan Zahra*, refrigeration technician*, imqabbad miz-zewg socjetajiet kontendenti jafferma li s-sistema ta' *blast chilling* bhal ma huma dawn in kwistjoni ma tistax tahdem b'sistema ta' *shower continuous* u fil-fatt huwa kien appuntu ta' dan il-parir lis-socjeta konvenuta kif fil-fatt gara. Ghalkemm huwa minnu li s-socjeta attrici pprovat thaddem l-apparat b'din is-sistema, dan ghamlitu purament bhala esperiment u sabiex tipprova tissoddisfa lis-socjeta konvenuta. Naturalment dan l-esperiment ma rnexxiex u jerga jafferma li huwa kien mill-bidu nett qalilhom li dan l-apparat ma jistax jahdem b'tali sistema kif dal resto gie konfermat mis-*supplier* ta' barra.

In kontro-ezami dan ix-xhud jikkonferma li ghall-ewwel il-konvenuti xtaqu sistema ta' blast chiller u kien biss in segwitu f'diskursati bejn il-kontendenti li ssemma l-*continuous system*. Illi dwar l-ispecifications mehtiega ghal *blast chiller*, kien dan ix-xhud li ta l-parir tieghu fuq l-istess lid-dirigenti tas-socjeta konvenuta u dawn ta' l-ahhar ghamlu l-ordni fuq il-parir tieghu. Ighid ukoll li s-socjeta konvenuta gieli hadmu mieghu f'okkazzjonijiet precedenti. Sa fejn jaf hu, l-items kollha rakkomandati minnu u ordnati lkoll waslu hawn Malta mal-ordni u gew installati. Fi kliem iehor is-socjeta attrici, skond dan ix-xhud, onora l-ordni kollha kif maghmula mis-socjeta konvenuta. Difatti jghid ukoll li l-items kollha rakkomandati minnu lkoll jinsabu nkluzi fl-ordni maghmula mis-socjeta konvenuta.

Catherine Ciappara, wahda mid-dirigenti tas-socjeta konvenuta tafferma li r-*racks* kienu jifilhu 191 tigiega u mhux 250 tigiega kif suppost biex b'hekk it-tnax il-*rack* b'kollox kienu joqghodu 2292 u mhux 3000 tigiega. Barra

minnhekk is-socjeta konvenuta ddecidiet minn jeddha li taqta €1,956 il-ghaliex deherilha li s-sistema tal-ilma kellha tkun wahda ta’ *continuous flow*. Hija tghid li l-ftehim dwar din il-kondizzjoni sar quddiemha bejn zewgha, Anthony Pace u Jonathan Zahra. Ta’ min ighid pero li apparti li Pace jichad dan, ix-xhud Zahra jghid bil-kontra u cio` e` li huwa kien ta’ l-parir li tali apparat ma jistax jahdem bil-*continuous flow* u dan id-diskors kien qalulhom mill-bidu nett. Fil-fatt dan l-istess xhud aktar tard fix-xhieda taghha tikkonferma kemm il-fatt li Zahra qalilhom li l-apparat mhux ser jahdem b’tali sistema u kif ukoll li l-istess kienu nfurmawhom ta’ barra. Illi fil-fatt l-apparat ghadu sallum jithaddem b’sistema ohra pero` ta’ min ighid ukoll li dan l-istess apparat ghadu sallum jithaddem mis-socjeta konvenuta ghall-iskopijiet kummercjali taghha. Dan ix-xhud tafferma wkoll li l-apparat li kellu jittella sa fuq il-bejt, spicca biex gie ppostjat darbtejn sakemm tqieghed fil-posizzjoni l-aktar idejali u efficcjenti ghalih. In-kontro-ezami dan ix-xhud jistqarr illi l-espert Jonathan Zahra kien tqabbad u fil-fatt anke thallas mis-socjeta konvenuta. Fil-fatt dan l-espert kien tqabbad mis-socjeta konvenuta ghal skopijiet ta’ *installar* ta’ l-apparat peress li dan kien gie mixtri minghand is-socjeta attrici bl-istallazzjoni eskluza. Tistqarr ukoll li huma kienu qabbdu dan l-espert qabel ma ghamlu l-ordni u allura fi zmien meta is-sur Zahra kien gia qallhom jew messu gia qallhom li tali apparat ma jahdimx bis-sistema kontinwa ta’ l-ilma. Fil-fatt is-socjeta konvenuta tefghet l-ordni fuq il-pariri teknici li rcevew minghand dan ix-xhud li kienu ilhom jafuh ghal zmien twil. Aktar il-quddiem fix-xhieda taghha dan ix-xhud pero jammetti li Zahra kien fil-fatt qalilhom mill-bidu nett illi s-sistema bil-*continuous water flow* ma tistax ssir. Dwar ir-*racks* dan ix-xhud tghid li dawn kienu nhadmu minn certu Joseph Aquilina fuq disinn illi tah Anthony Pace tas-socjeta attrici. Tghid pero li l-250 tigiega fuq kull rack ma qaghdux peress illi l-apparat gie f’gholi aktar baxx. Din l-affermazzjoni tikkontrasta max-xhieda tal-espert Zahra li stqarr li l-apparat kollu nkluz l-*extras* gew konsenjati skond l-ordni maghmula.

Illi dwar il-kontestazzjoni li saret fuq l-ammont ghandu jirrizulta li ma hemmx wisq divergenza fuq dan il-punt. Iz-

zewg nahat jaqblu li l-bilanc proprju dovut kien fl-ammont ta’ €1,956.67c. Is-socjeta attrici qed titlob inoltre l-ammont ta’ €796.03c bhala interessi dekorsi sa Novembru 2008 liema ammont dan it-Tribunal isibu gustifikat in vista tal-fatt li l-ammont pretiz huwa ta’ natura kummercjali. Is-socjeta attrici qieghdha wkoll tippretendi l-hlas ta’ €302.25c biex tirkupra l-ispejjes li harget sabiex tispostja l-apparat fit-tieni okkazzjoni. It-Tribunal anke f’din ic-cirkostanza isib din il-pretenzjoni bhala gustifikata in vista tal-fatt li s-socjeta ex admissis tistqarr li l-ordni in kwistjoni ma kienitx tinkludi l-istallazzjoni tal-apparat in kwistjoni.

Illi dwar l-ammont bilancjali *per se*, li kif gia nghad li bhala kwantum ma hemmx kontestazzjoni, it-Tribunal isib li s-socjeta konvenuta fl-ewwel lok ma kienitx gustifikata li taqbad u taqta tali cifra b’mod unilaterali minn jedda; fit-tieni lok lanqas ma hi gustifikata li taqta tali ammont u tirrifjuta li thallas tali bilanc ta’ prezz fuq apparat meta fl-istess hin hija baqghet taghmel uzu mill-istess apparat ghall-iskopijiet kummercjali taghha. Jekk tassew hija qieghdha tippretendi li s-socjeta attrici ma kkonsenjatx apparat kif ordnat, kien imissha ma accettatx tali konsenja u jew ddepositat l-istess taht l-Awtorita tal-Qorti. Fi kwalunkwe kaz, ghandu jirrizulta li l-ilment avvanzat mis-socjeta konvenuta dwar zewg nuqqasijiet kommessi mis-socjeta attrici mhux talli ma gewx ipprovati izda ghal kuntrarju rrizulta bil-kontra u cio` e` (1) fl-ordni u fil-ftehim in kwistjoni qatt ma gie pattwit bhala kondizzjoni l-*continuous flow of water* – anzi l-istess socjeta konvenuta tistqarr li l-espert Jonathan Zahra u l-istess Jonathan Zahra kien esprima l-opinjoni mill-bidu nett sa minn meta saret l-ordni li tali apparat ma jistax jahdem b’tali sistema ta l-ilma; u (2) fir-rigward tar-*racks* irrizulta li l-ordni ma kienitx tinkludi dawn ir-*racks* tant illi dawn saru wara minn terza persuna fuq ordni tas-socjeta konvenuta. Apparti minnhekk u kif gia espress aktar il-fuq ma hux kredibbli li l-apparat gie b’gholi aktar baxx peress illi x-xhud Jonathan Zahra kkonferma li l-apparat u l-*extras* kollha waslu u gew konsenjati hekk kif ordnat.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta

konvenuta, kwindi jilqa t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' €3,055.06c (tlett elef u hamsa u hamsin ewro u sitt centezmi) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kontra l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------